MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 622/2000/1

**Ir-Reverendu Dun Karm Busuttil**

**Vs**

**Anthony Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat mir-Reverendu Dun Karm Busuttil fil-15 ta' Mejju 2000 permezz ta' liema jitlob li Anthony Caruana jigi kkundannat ihallsu, in linea ta' danni, is-somma ta' tlett mija u tmenin Lira Maltija (Lm380), illum ekwivalenti ghal €885.16, stante li pprovoka proceduri penali fil-konfront tieghu, u dana b'qerq u bi htija meta ma kienet tezisti l-ebda raguni valida ghat-tehid ta' tali proceduri, konkluzi bil-liberazzjoni tieghu bid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Lulju 1997, bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 14 ta' Frar 2000, kontra Anthony Caruana;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijietipprezentata minn Anthony Caruana permezz ta' liema jeccepixxi li: (i) qabel xejn l-attur ghandu fuqu l-piz u l-oneru li jipprova l-allegazzjoni ta' qerq jew htija u li ma kienitx tezisti raguni valida ghall-proceduri penali fil-konfront tieghu; (ii) l-azzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex ma hijiex minnha l-allegazzjoni ta' qerq jew htija jew li ma kienitx tezisti raguni valida ghall-proceduri; huwa agixxa fuq konsult legali w id-decizjoni jekk jittiehdux il-proceduri kienet fil-gurisdizzjoni esklussiva ta' l-awtorità tal-Pulizija u ta' l-Avukat Generali li investigaw u hadu d-decizjoni li jipprocedu, f'liema decizjoni huwa ma kellux sehem; (iii) il-proceduri gew ipprovokati mill-agir ta' l-attur; (iv) illi l-azzjoni attrici hija perenta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; u li ghalhekk (v) it-talba attrici ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-attur u b'riserva ta' kull eccezzjoni ohra u azzjoni ghad-danni kontra tieghu;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduti tal-21 ta' Novembru 2000[1], tal-21 ta' Marzu 2006[2] u tas-27 ta' Jannar 2009[3] u rat id-dokumenti minnu esebiti waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2000 markati Dok. "KB1" u Dok. "KB2" a fol. 13 sa' 20 tal-process u waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2006 markati Dok. "DKB1" sa' Dok. "DKB9" a fol. 126 sa' 134 tal-process, semghet ix-xhieda ta' l-Avukat Dottor Joseph Borg moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Frar 2002[4], ta' l-Avukat Dottor Anna Felice moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju 2002[5], ta' Peter Cordina moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Marzu 2003[6], ta' l-Ispettur Mario Buttigieg moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Gunju 2003[7], ta' l-Ispettur Stephen Micallef[8] u ta' Joseph Gauci[9] moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' April 2004 u rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Stephen Micallef waqt is-seduta ta' l-20 ta' April 2004 markati Dok.

[1] Fol. 11 u 12 tal-process.
[2] Fol. 123 sa' 125 tal-process.
[3] Fol. 247 sa' 249 tal-process.
[4] Fol. 30 sa' 32 tal-process.
[5] Fol. 37 u 38 tal-process.
[6] Fol. 60 sa' 62 tal-process.
[7] Fol 70 tal-process.
[8] Fol. 83A u 83B tal-process.
[9] Fol. 83C u 83D tal-process.

"SM1" a fol. 84 sa' 92 tal-process, semghet ix-xhieda ta' l-Assisstent Kummissarju Joseph Cachia moghtija waqt is-seduti tas-26 ta' Ottubru 2004[10] u tat-13 ta' April 2005[11], rat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Carmela Caruana moghtija quddiem l-Assisstent Giudizzjarju l-Avukat Dottor Anna Mifsud Bonnici waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar 2006[12] u semghet ix-xhieda moghtija mill-konvenut waqt is-seduti ta' l-24 ta' Ottubru 2007[13] u tas-26 ta' Frar 2008[14];

Rat id-dokumenti esebiti mill-attur permezz ta' Nota pprezentata fit-23 ta' Mejju 2002 markati Dok. "PS1" sa' Dok. "PS3" a fol. 40 u 41 tal-process u d-dokument esebit mill-konvenut permezz ta' Nota pprezentata fil-11 ta' Marzu 2003 a fol. 64 tal-process, rat id-dokumenti esebiti mill-attur b'Nota pprezentata fit-3 ta' Jannar 2006 markati Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 105 sa' 108 tal-process, id-dokumenti esebiti b'Nota pprezentata fil-25 ta' Settembru 2006 a fol. 137 sa' 156 tal-process u d-dokumenti esebiti b'Nota pprezentata fit-30 ta' Ottubru 2006 a fol. 164 tal-process, rat id-dokument markat Dok. "Z" esebit mill-konvenut b'Nota pprezentata fis-16 ta' Gunju 2008 a fol. 186 tal-process u d-dokumenti esebiti mill-konvenut permezz ta' Nota pprezentata fid-19 ta' Novembru 2008 markati Dok. 1 sa' Dok. 6 a fol. 194 sa' 217 tal-process;

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Guditta Bonnici v. Rev. Dun Karm Busuttil" Appell Civili Nru. 1681/95 deciza fil-meritu mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili b'sentenza pronuncjata fl-24 ta' Jannar 1997 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronuncjata fit-3 ta' Dicembru 1999, allegati ma' l-atti ta' dawn il-proceduri;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur a fol. 252 sa' 254 tal-process u n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut a fol. 255 sa' 271 tal-process;

---

10 Fol. 94 u 95 tal-process.
11 Fol. 91 sa' 93 tal-process.
12 Fol. 116 sa' 120 tal-process.
13 Fol. 175 sa' 178 tal-process.
14 Fol. 180 sa' 183 tal-process.

Rat is-sentenza pronuncjata minn din il-Qorti fil-15 ta' Gunju 2009[15] li biha giet milqugha l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut u rat is-sentenza pronuncjata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Marzu 2010 permezz ta' liema s-sentenza tal-Prim' Istanza giet imhassra, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut giet michuda u l-atti tal-kawza gew rimessi lil din il-Qorti ghat-trattazzjoni u decizjoni dwar il-meritu ta' l-azzjoni attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut;

Rat id-Digriet tal-5 ta' Ottubru 2010 li bih il-kawza in ezami giet riappuntata ghall-1 ta' Novembru 2010 fid-9:30a.m. u rat li waqt l-imsemmija seduta d-difensuri tal-partijiet kontendenti ddikjaraw li l-Qorti tista' tghaddi ghas-sentenza fil-meritu fuq l-atti li hemm fil-process;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu, in linea ta' danni, is-somma ta' Lm380, illum ekwivalenti ghal €885.16, billi pprovoka proceduri penali fil-konfront tieghu b'qerq jew bi htija meta ma kienet tezisti l-ebda raguni ghat-tehid ta' tali proceduri kriminali, liema proceduri gew konkluzi bil-liberazzjoni ta' l-attur bis-sentenza pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-7 ta' Lulju 1997. Il-konvenut jilqa' ghat-talba attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) li l-attur ghandu l-oneru tal-prova li l-konvenut agixxa b'qerq jew bi htija fil-konfront tieghu u li ma kenitx tezisti raguni valida ghat-tehid ta' proceduri kriminali fil-konfront tieghu; (ii) li l-allegazzjonijiet ta' l-attur fil-konfront tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa dejjem mexa fuq konsult legali u d-decizjoni li jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront ta' l-attur ma kenitx decizjoni tieghu izda tal-Pulizija u ta' l-Avukat Generali, li

[15] Fol. 274 sa' 278 tal-process.

investigaw il-kaz; u (iii) li t-talba attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut giet michuda mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronuncjata fil-25 ta' Marzu 2010, u ghalhekk illum jehtieg li t-talba attrici tigi deciza fil-meritu, fid-dawl tar-rimanenti eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut.

L-attur istitwixxa l-proceduri odjerni fil-konfront tal-konvenut in segwitu ghall-liberazzjoni tieghu mill-akkuza kriminali dedotta kontrih, u cioè illi *ghamel dikjarazzjoni falza jew ta' xi taghrif falz jew ipproduca xi dokument falz ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta' l-Att dwar il-Karta ta' l-Identità Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta, billi ddikjara r-residenza tieghu bhala "Esplenade" Triq tal-Labour, Haz-Zabbar*[16]. L-azzjoni ta' l-attur hija bbazata partikolarment fuq dak dikjarat mill-konvenut waqt il-proceduri kriminali u l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fir-rigward fis-sentenza minnha pronuncjata, u cioè li *l-Qorti trid taghmel referenza ghax-xhieda ta' Anthony Caruana moghtija "viva voce" fit-28 ta' Mejju 1996 u specifikatament a fol. 21 et sequens tal-process: "Hallejt daqsxejn zmien jghaddi u ergajt mort id-depot inkellem lill-Ispettur Peter Cordina. Huwa kien qalli li hu kien kellem lil Dun Karm u minn naha tieghu Dun Karm qal illi kien ser inehhi l-I.D. Card. Jiena gbidtlu l-attenzjoni li ma jfisser xejn li Dun Karm kien ser inehhi l-I.D. Card, u jien ridt li l-passi jittiehdu. U l-iskop ta' dawn il-proceduri kienu li ahna qeghdin nippretendu post u ridna nuzaw dawn il-proceduri bhala bilanc kontra proceduri ohra li qeghdin fil-Qorti, sabiex ahna nkunu nistghu niehdu l-post. Erga': "Jiena l-avukat tieghi qalli li l-Pulizija ghalqu l-kaz, izda l-avukat tieghi kien persistenti u kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija. L-avukat tieghi kien persistenti biex jibbilancja kaz ma' kaz, biex jipprova jaghmel pressjoni halli jsir ftehim. Nghid illi Dr. Borg kien qalli li l-Pulizija ma riedetx tmexxi l-kaz, izda hu deherlu li dan il-kaz kellu jkompli jimxi u ha l-passi necessarji legali, ghamel ix-xoghol tieghu u din il-kawza tkompliet". Din il-*

[16] Dok. "KB1" a fol. 13 sa' 19 tal-process.

*Qorti ma tistax tittollera agir simili illi tigi wzata ghall-skopijiet partiggjani u li jigi utilizzat il-kamp serjissimu tal-ligi Kriminali sabiex titqieghed pressjoni fuq persuna. Dan huwa att kriminali per se u din il-Qorti qeghda theggeg lill-Pulizija sabiex tinvestiga aktar dan il-kaz u tiddetermina jekk Anthony Caruana ghandux jissubixxi proceduri penali dwar rapport falz.*[17]

Mill-atti processwali jirrizulta li kien hemm kwistjoni bejn Giuditta Bonnici, in-nanna tal-konvenut u li taghha l-istess konvenut kien prokuratur[18], u l-attur dwar il-fond "Esplanade" Triq tal-Labour, Zabbar. Mill-provi jirrizulta li dan il-fond kien proprjetà ta' certa Carmela Sammut u Maria Assunta Bonnici u huma ghaddew ic-cwievet tal-fond lill-attur illi deherlu li seta' jkompli jaghmel uzu mill-fond anke wara mewthom u b'hekk jaqleb il-Karta ta' l-Identità tieghu fuq dan il-fond[19]. Madanakollu però Giuditta Bonnici kienet qed tivvanta pretensjonijiet fuq l-istess imsemmi fond *qua* eredi ta' Maria Assunta Bonnici u fl-1995 gew istitwiti proceduri civili fil-konfront ta' l-attur odjern fl-ismijiet "Giuditta Bonnici v. Rev. Carmelo Busuttil" Citaz. Nru. 1681/95 fejn kien qed jintalab li in kwantu konvenut f'dawk il-proceduri r-Reverendu Busuttil jigi kkundannat *jirrilaxxa lill-attrici l-imsemmi fond Esplanade Triq Labour, Zabbar, li hu qed jiddetjeni minghajr dritt u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu ffissat, salva kull azzjoni ohra spettanti lill-attrici. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-sitta (6) ta' Lulju 1995 u tal-ittri legal ital-hmistax (15) ta' Gunju u tat-tlieta (3) ta' Awissu, 1995 u tal-Mandat ta' Deskrizzjoni tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru 1995, kontra l-konvenut*. Fl-istess zmien b'ittra datata 16 ta' Novembru 1995 saret kwerela lill-Kummissarju tal-Pulizija ghan-nom ta' Giuditta Bonnici *qua* proprjetarja tal-fond "Esplanade" Triq tal-Labour, Zabbar, sabiex jittiehdu passi kriminali fil-konfront tar-Reverendu Busuttil li *joqghod 82, Triq il-Haddiema, Zurrieq, ghandu Karta ta' l-Identità bl-indirizz ta' dik id-dar Esplanade, Labour Road, Zabbar, kif jixhed ir-Registru*

[17] Dok. "KB1" a fol. 13 sa' 19 tal-process.
[18] Dok. "d" a fol. 108 tal-process u xhieda in kontro-ezami tal-konvenut moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' Frar 2008, fol. 180 sa' 183 tal-process.
[19] Xhieda in kontro-ezami ta' l-attur moghtija waqt is-seduta tas-27 ta' Jannar 2009, fol. 247 sa' 249 tal-process.

*Elettorali ta' Ottubru 1995, li juri falsament li hu joqghod f'din id-dar. Illi dan huwa qerq kontra l-interessi ta' Mrs. Bonnici*[20]*.*

Inizjalment il-Pulizija kkonkludiet li ma kienx hemm bazi fuq liema jittiehdu passi kriminali fil-konfront tar-Reverendu Busuttil u dana kif jirrizulta mill-ittra datata 8 ta' Jannar 1996 indirizzata lill-Avukat Dottor Joseph Borg fejn gie infurmat li *nirreferi ghall-ittra tieghek tas-16 ta' Novembru 1995 ghan-nom ta' Mrs. Giuditta Bonnici. Wara li dan il-kaz gie investigat mill-Pulizija ma irrisultax li hemm lok ta' proceduri kriminali*[21], izda fuq insistenza da parte ta' l-Avukat Dottor Joseph Borg ghan-nom tal-klijenta tieghu l-Pulizija hadet passi kriminali fil-konfront tar-Reverendu Busuttil[22].

Minn dawn ir-rizultanzi processwali jidher li l-proceduri kriminali u anke l-proceduri civili fil-konfront ta' l-attur odjern gew instigati minn Giuditta Bonnici u mhux mill-konvenut. Fil-fatt il-konvenut jissolleva din il-kwistjoni bhala difiza ghat-talba ta' l-attur fil-konfront tieghu. Fix-xhieda tieghu moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ottubru 2007[23] il-konvenut iddikjara li *l-querela li kien ghamel Dr Borg dejjem ghamilha ghan-nom ta' Giuditta Bonnici u mhux ghan-nom tieghi. Fl-istadju tal-kawza civili ta' l-ispoll, kif ukoll fl-appell in-nanna Giuditta Bonnici kienet ghadha hajja u ghalhekk l-atti kollha saru f'isimha* u in kontro-ezami, waqt is-seduta tas-26 ta' Frar 2008[24], iddikjara li *l-istruzzjonijiet* [in kwantu mandatarju specjali ta' Giuditta Bonnici] *kont nehodhom minghand Giuditta Bonnici fuq pariri illi kien jaghtiha l-avukat. Jiena qatt ma hadt inizjattivi f'dawn il-kawzi. Jiena kont naf bl-ittra jew rapport li ghamel Dr. Borg lill-Kummissarju tal-Pulizija. Ahna konna ghidna lill-avukat illi sirna nafu li Dun Karm kien ghamel l-indirizz ta' l-id card tieghu fuq il-fond ta' Giuditta Bonnici u mbaghad l-avukat kiteb lill-Pulizija u lill-Kummissarju Elettorali. Ma kontx jiena li ssuggerejt lil Dr.*

[20] Dok. "SM1" a fol. 84 tal-process.
[21] Dok. "SM1" a fol. 85 tal-process.
[22] Dok. "SM1" a fol. 86, 87, 88 u 89 tal-process.
[23] Fol. 175 sa' 178 tal-process.
[24] Fol. 180 sa' 183 tal-process.

*Borg jaghmel dik l-ittra. Kont naf biha però ma kontx instigajta jien.*

Minn din ix-xhieda jirrizulta b'mod car li il-konvenut jikkontendi wkoll li fi kwalunkwe kaz kull pass li ttiehed fil-kwistjoni ma' l-attur dejjem ittiehed fuq parir ta' l-Avukat ta' Bonnici, Dr. Joseph Borg u ghalhekk hu ma ghandux jinzamm responsabbli ghal xi danni li l-attur jippretendi li sofra minhabba l-proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront tieghu.

Ghalkemm il-konvenut jipprova jiskolpa lilu nnifsu minn kwalunkwe htija verso l-attur ghall-mod kif u ghar-raguni li ghaliha gew istitwiti l-proceduri kriminali fil-konfront tieghu billi jqieghed lil Giuditta Bonnici u lill-Avukat taghha fic-centru tal-kwistjoni, il-Qorti hija konvinta li l-verità hi mod iehor u cioè, li kien il-konvenut li instiga w insista li jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront ta' l-attur u dana sabiex, kif minnu stess dikjarat waqt il-proceduri kriminali, jpoggi pressjoni l-attur odjern biex jintlahaq ftehim dwar il-fond "Esplanade" Triq tal-Labour, Zabbar.

Ghalkemm il-konvenut jikkontendi li kull pass li ttiehed fil-konfront ta' l-attur ittiehed fuq parir ta' l-Avukat Dr. Joseph Borg, huwa principju guridikament accettat li l-Avukat *qua* mandatarju tal-klijent tieghu jesegwixxi l-inkarigu lilu fdat skond <u>l-istruzzjonijiet tal-klijent stess</u>. F'dan ir-rigward fis-sentenza fl-ismijiet **Maureen Scicluna v. Dr. Anthony P. Farrugia, Appell Civili Nru. 804/03** pronuncjata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' April 2005 jinghad illi *hi gurisprudenza pacifika illi r-rapport li jghaddi bejn klijent u l-avukat jew il-prokuratur legali li jqabbad ghall-affarijiet tieghu gudizzjarji huwa dak ta' mandat. … Jitnissel minn dan illi l-inkarigu konferit lill-professjonista jimplika fil-mandatarju l-poter li jaghmel dak kollu li hu mehtieg ghall-ezekuzzjoni ta' l-inkarigu li jkun irceva. … Meta l-avukat jaccetta l-inkarigu huwa jassumi l-obbligu li jezegwixxi l-att guridiku li ndahal ghalih fl-interess tal-mandanti. Essenzjalment, l-adempjenza tieghu tirravvisa ruhha fir-relazzjoni interkorrenti bejn l-obbligu li jikkonforma ruhu ma' l-indikazzjonijiet tal-mandanti u realizzar ta' dan l-istess obbligu*. Fid-dawl ta' dan l-insenjament, persuna li

appositament riedet li jigu istitwiti proceduri giudizzjarji fil-konfront ta' persuna ohra biex tpoggi pressjoni fuq din ta' l-ahhar difficilment tista' tinheba wara l-iskuza li qaghdet ghall-pariri ta' l-Avukat taghha.

Ghalkemm ukoll il-konvenut jipprova jaghti l-impressjoni li dak kollu li sar fil-konfront ta' l-attur sar direttament minn Giuditta Bonnici u hu ma kellu l-ebda sehem jew involviment fid-decizjonijiet li ttiehdu, il-Qorti ma tistax tinjora l-affermazzjoni tieghu li *nikkonferma li jiena kont mandatarju specjali tan-nanna tieghi Giuditta Bonnici. Kont jien li niehu hsieb il-proceduri. Il-kawzi kollha li saru, saru dejjem f'isem Giuditta Bonnici kontra Dun Karm Busuttil u jien kont niehu hsieb l-andament tal-kawza. Giuditta Bonnici kienet tkun taf x'kien qed isir*. Din id-dikjarazzjoni tal-konvenut kjarament tikkontradici jew ta' l-inqas tpoggi fid-dubju l-veracità ta' l-asserzjoni precedenti tieghu li *l-istruzzjonijiet* [in kwantu mandatarju specjali ta' Giuditta Bonnici] *kont nehodhom minghand Giuditta Bonnici fuq pariri illi kien jaghtiha l-avukat. Jiena qatt ma hadt inizjattivi f'dawn il-kawzi*[25].

Naturalment dan kollu qed jigi kkunsidrat fl-isfond ta' dak dikjarat mill-konvenut waqt il-proceduri kriminali u cioè li *l-iskop ta' dawn il-proceduri* [kriminali] *kienu li ahna qedghdin nippretendu post u ridna nuzaw dawn il-proceduri bhala bilanc kontra proceduri ohra li qeghdin fil-Qorti, sabiex ahna nkunu nistghu niehdu l-post. … Jiena l-avukat tieghi qalli li l-Pulizija ghalqu l-kaz, izda l-avukat tieghi kien persistenti u kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija. L-avukat tieghi kien persistenti biex jibbilancja kaz ma' kaz, biex jipprova jaghmel pressjoni halli jsir ftehim*[26]*.* Minn din ix-xhieda tohrog ferm cara l-intenzjoni tal-konvenut wara l-insistenza biex jigu istitwiti l-proceduri kriminali fil-konfront ta' l-attur, u fil-fehma tal-Qorti hemm hafna x'jigi ccensurat fl-intenzjoni dikjarata tal-konvenut u fil-komportament tieghu fil-konfront ta' l-attur.

---

[25] Xhieda in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' Frar 2008, fol. 180 sa' 183 tal-process.
[26] Dok. "KB1" a fol. 13 sa' 19 tal-process.

Il-konvenut jipprova jaghti xejra differenti lill-import tad-dikjarazzjoni tieghu minn kif riportata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fis-sentenza Taghha tas-7 ta’ Lulju 1997, u biex jiskolpa ruhu minn kwalunkwe htija fil-konfront ta’ l-attur jafferma li *d-diskors illi jidher fix-xhieda fl-atti tal-kawza kontra r-Reverendu Busuttil fejn jinghad illi jiena ghidt illi qed nuza’ l-kawza bhala bilanc kontra proceduri ohrajn li qeghdin il-Qorti, kienu kliem tal-Magistrat, però meta staqsieni dik id-domanda jiena ghidtlu iva. Dak il-hin ma kontx naf ezattament x’ried ighid il-Magistrat. Mistoqsi ghaliex allura ghidtlu iva nghid illi dak il-hin ma kontx naf ezattament x’ried ifisser u jiena ghidtlu iva. Ghadni sa’ llum ma nafx ezatt dak il-kliem x’ifisser*[27]*. … Jiena ma nafx x’differenza hemm bejn il-kawzi Civili u dawk Kriminali. Veru illi fil-kawza Kriminali l-Magistrat Peralta saqsieni jekk jiena kontx qed naghmel din il-kawza bhala bilanc bejn kawza u ohra u jiena ghidtlu iva però ma kontx naf ezattament ghal xiex kien qed jirreferi. Fil-fatt din il-parti tax-xhieda hija riprodotta f’pagna 6 tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-7 ta’ Lulju 1997. … B’referenza ghall-ahhar parti tal-kontro-ezami fejn giet moqrija parti mis-sentenza nghid illi kien suggeriment tal-Magistrat illi saqsieni jekk jiena kontx qed naghmel dik il-kawza biex nibbilancja kaz ma’ kaz u jiena ghidtlu iva u ghalhekk giet riportata b’dak il-mod fis-sentenza*[28]*.*

Il-Qorti difficilment temmen li d-dikjarazzjoni tal-konvenut waqt il-proceduri kriminali kienet risposta ghal mistoqsija li saritlu mill-Qorti f’dawk il-proceduri u li ma fehemx is-sinjifikat taghha. Ghalkemm illum jghid li ma fehemx il-mistoqsija li saritlu mill-Qorti, imkien mix-xhieda tieghu ma jirrizulta li dak iz-zmien kien gibed l-attenzjoni tal-Qorti ghal dan il-fatt anzi ghazel li jirrispondi b’risposta ben artikolata u li tikkombacja sew mal-mistoqsija li saritlu; altru milli ma fehemx dak li kienet qed tistaqsih il-Qorti. Ghaldaqstant il-Qorti hija konvinta li l-konvenut effettivament ried jghid dak li qal lill-Qorti fil-proceduri

[27] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta’ l-24 ta’ Ottubru 2007, fol. 175 sa’ 178 tal-process.
[28] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-26 ta’ Frar 2008, fol. 180 sa’ 183 tal-process.

kriminali u cioè li dawk il-proceduri gew minnu utilizzati biex issir pressjoni fuq l-attur halli jintlahaq ftehim dwar il-fond "Esplanade" Triq tal-Labour, Zabbar.

Huwa principju guridiku assodat li *il principio di giustizia naturale che sia tenuto al risarcimento dei danni chiunque per colpa sua lo arrechi ad altri … riceve applicazione anche in riguardo ai danni cagionati con una lite perchè anche questi rientrano sotto l'aspetto della lesione dei diritti del privato, nel genere di quelli derivanti dalla copla aquiliana, in quanto che possono essere anche essi l'effetto di fatti illeciti e volute; imperocchè è bensì nella facoltà di ognuno di adire la autorità giudiziaria – istituzione in garanzia di ordine sociale – per fare riconoscere I propri diritti, ma tale facoltà non può e non dev' essere convertita in un riprovevole mezzo per inferire ad altri ingiuste molestie*[29].

Huwa proprju l-principju li l-jedd ghal azzjoni giudizzjarja ghat-tutela tad-drittijiet ma jigix utilizzat bhala *un riprovevole mezzo per inferire ad altri ingiuste moltestie* li jikkostitwixxi l-qofol tal-proceduri in ezami, stante li l-pretensjoni ta' l-attur fil-konfront tal-konvenut hija appuntu bbazata fuq il-vjolazzjoni ta' tali principju da parte tal-konvenut meta dana insista w irnexxielu jottjeni l-istituzzjoni ta' proceduri kriminali fil-konfront tieghu ghal ragunijiet ghal kollox ingusti.

Il-jedd ghal azzjoni giudizzjarja ghat-tutela tad-drittijiet huwa cirkoskritt bid-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 1030 u 1031 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li *kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu. Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*. Fid-dawl ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-Ligi isegwi li meta proceduri giudizzjajri, sia civili kemm kriminali, jigu istitwiti fil-konfront ta' persuna biex tigi ezercitata pressjoni fuqha halli tissokkombi ghall-pretensjonijiet tal-parti fuq talba ta' min jigu istitwiti tali proceduri – hekk kif *ex admissis* kien

[29] Maria Giuseppa Mugliett et v. Avvocato Dr. Giorgio Bezzina, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Jannar 1926, Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. XXVIB – I – 405. Sottolinear ta' din il-Qorti.

il-kaz tal-proceduri kriminali li ttiehdu kontra l-attur – certament ma jistax jinghad li kien hemm ezercizzju jew uzu ta’ jedd fil-qies li jmiss izda abbuz lampanti tal-procedura kostitwita bil-Ligi. B'hekk il-parti fuq talba jew insistenza ta’ min ikunu gew istitwiti tali proceduri ghandha taghmel tajjeb ghad-dannu qual’ volta konsegwiti mill-parti imharrka b’konsegwenza ta’ dawk l-istess proceduri[30].

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Attard noe v. Loreto Abela, Citaz. Nru. 1934/97** deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta’ Mejju 2005, *il-Qrati taghna dejjem gharfu wkoll li l-jedd li wiehed idur ghal rimedji giudizzjarji ma ghandux jitbiddel f’abbuz tal-procedura bil-hsieb li, biex idejjaq jew b’mod fieragh, igib lill-parti avversarja f’qaghda li jkollha ccedi ghar-rikatt, ghandha jew m’ghandhiex ragun. Kien ghalhekk ukoll li fil-qafas tal-kwestjonijiet ta’ din l-ghamla, il-Qrati taghna, minn zmien ghal zmien, fissru l-limiti u c-cirkostanzi dwar fejn u kif jista’ jitqies li jkun sehh abbuz mill-process gudizzjarju bi hsara ghal haddiehor. F’dan id-dawl ta’ min jghid li “non era necessario che chi faceva istanza per la spedizione di un mandato cautelatorio avesse effettivamente il diritto che egli intendeva cautelatre, essendo sufficiente che egli in buona fede credesse avere un simile diritto, al che rispondeva la parola “pretensione”. Illi ghalhekk, il-fatt wahdu li persuna tkun bdiet procedura (maghduda maghha l-hrug ta’ Mandati biex jikkawtelaw dik l-azzjoni) li, wara l-istharrig tal-Qorti, ma tigix milqugha, ma jfissirx b’daqshekk biss li kull procedura kienet saret b’abbuz tad-dritt li tirrikorri lejn il-Qorti. Illi, generalment, l-abbuz mill-procedura gudizzjarja jitqies biss f’kazijiet eccezzjonali li, x’aktarx, jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal-pretensjoni nfisha. Fejn ikun hemm element ta’ agir fieragh fi procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuz tal-process gudizzjarju. F’dan ir-rigward inghad li ghalkemm ir-ragunijeit li ghalihom min ikun talab u kiseb il-hrug ta’ Mandat kawtelatorju jista’ jinsab hati ghad-danni ma jintrabtux biss ma’ l-erba’ cirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8), taht ir-*

[30] Carmen Camilleri et v. Joseph Bellizzi, Citaz. Nru. 1535/98 deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta’ Ottubru 2002.

*regoli generali tar-responsabbiltà irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuragni jew nuqqas ta' hsieb ta' missier tajjeb tal-familja*[31].

Ghalkemm dawn osservazzjonijiet saru fil-kuntest ta' proceduri dwar hrug ta' mandat kawtelatorju, ma hemmx dubju li l-principji enuncjati fl-imsemmija sentenza, partikolarment il-principju li *l-Qrati taghna dejjem gharfu wkoll li l-jedd li wiehed idur ghal rimedji giudizzjarji ma ghandux jitbiddel f'abbuz tal-procedura bil-hsieb li, biex idejjaq jew b'mod fieragh, igib lill-parti avversarja f'qaghda li jkollha ccedi ghar-rikatt, ghandha jew m'ghandhiex ragun,* japplikaw ghall-kaz in ezami.

Meta dak dikjarat mill-konvenut waqt il-proceduri kriminali fir-rigward tar-raguni ghalfejn saret tant insistenza biex ittiehdu dawk il-proceduri fil-konfront ta' l-attur jigi kkunsidrat fil-principji guridici appena citati, ma hemmx dubju li l-konvenut abbuza mill-procedura bil-hsieb li *idejjaq jew b'mod fieragh, igib lill-parti avversarja f'qaghda li jkollha ccedi ghar-rikatt, ghandha jew m'ghandhiex ragun* u f'dik ic-cirkostanza agixxa b'qerq fil-konfront ta' l-attur bil-konsegwenza li ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-istess attur a kawza ta' dawk il-proceduri.

Id-danni reklamati mill-attur jikkonsistu fis-somma ta' Lm380, illum ekwivalenti ghal €885.16, rapprezentanti hlasijiet minnu effettwati lill-Avukat Dottor Patrick Galea u lill-Avukat Dottor Michael Sciriha in konnessjoni mal-proceduri giudizzjarji istitwiti fil-konfront tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. L-attur ipprezenta tlett *cheques*: wiehed datat 31 ta' Mejju 1996 favur l-Avukat Dottor Patrick Galea ghall-ammont ta' Lm120 (illum ekwivalenti ghal €279.52), iehor datat 26 ta' Mejju 1997 favur l-Avukat Patrick Galea ghall-ammont ta' Lm10 (illum ekwivalenti ghal €23.29) u *cheque* iehor datat 18 ta' Lulju 1997 favur l-Avukat Dottor Michael Sciriha ghall-ammont ta' Lm250 (illum ekwivalenti ghal €582.34), bhala prova tal-hlasijiet minnu effettwati u tas-

[31] Sottolinear tal-Qorti.

somma issa minnu pretiza minghand il-konvenut[32], liema prova ma gietx kontestata jew kontradetta mill-konvenut.

Fid-dawl ta' dak kollu appena osservat, il-Qorti tikkonkludi li l-attur effettivament kellu jhallas is-somma komplessiva ta' €885.16 biex iddefenda ruhu fi proceduri kriminali li gew ingustament istitwiti kontra tieghu fuq insistenza tal-konvenut li ma kenitx imsejsa fuq jedd stabbilit jew protett fil-Ligi izda fuq it-tir ta' l-istess konvenut li jgieghel lill-attur jasal fi ftehim dwar il-fond "Esplanade" Triq tal-Labour, Zabbar, u ghalhekk il-konvenut ghandu issa jaghmel tajjeb ghal tali ammonti inkorsi mill-attur b'konsegwenza ta' l-agir tieghu fil-konfront ta' l-istess attur.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames eccezzjoni sollevati mill-konvenut, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' €885.16, ekwivalenti ghal Lm380, bl-imghax legali dekoribbli mit-23 ta' Mejju 2000 (id-data tan-notifika ta' l-Avviz promotur lill-konvenut) sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 14 ta' Frar 2000, jibqghu a karigu tal-konvenut u dana apparte u bla pregudizzju ghal dak deciz mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza tal-25 ta' Marzu 2010 fir-rigward ta' l-ispejjez li wkoll huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[32] Fol. 163 u 164 tal-process.